**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 30.5.10: SOLENNITA' TAT-TRINITA' QADDISA**
**IT-TNEJN, 31.5.10: Festa taż-Żjara tal-Verġni Mqaddsa Marija.**
Għeluq ix-xahar ta' Mejju. Xieraq li llum nagħtuha qima b'quddiesa u tqarbina.
**9.15a.m.** Bħala parti mill-pjan tal-parroċċa għall-pastorali skolastika, Mons. Isqof Mario Grech ġie mistieden biex jiltaqa' u jkellem lill-Għalliema kollha ta' l-iskola primarja u anke ta' l-special unit.
**IL-ĦAMIS, 3.6.10:** L-Ewwel Ħamis tax-xahar.
**Fis-7.00a.m.** ikun hawn il-konfessur barrani għall-qrar.
**Fis-7.00p.m.** Konċelebrazzjoni mis-saċerdoti tal-Parroċċa tagħna u li fiha jsir wkoll talb bis-salmi flimkien mal-ġemgħa.
F'din l-okkażjoni fil-parroċċa tagħna se nagħmlu wkoll l-Għeluq tas-Sena Saċerdotali. Isir talb speċjali għas-saċerdoti u għall-vokazzjonijiet.
**IL-ĠIMGĦA, 4.6.10:** L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar
Illum ikun hawn l-Adorazzjoni mit-8.00 sal-11.00a.m. u mis-2.30p.m. 'l quddiem.
**Fis-7.00p.m**. quddiesa li fiha titfakkar il-Venerabbli Edel Quinn Missjunarja Leġjunarja lajka. F'din l-okkażjoni il-Praesidium Sultana Mnissla bla Ħtija tal-parroċċa tagħna se jfakkar l-2500 laqgħa tiegħu.
**Fis-7.40p.m.** se jsir il-ftuħ tal-Wirja "The Village of Saint Margaret" li se ssir fid-Dar Parrokkjali fl-okkażjoni tan-Notte Scarlata organizzat mill-Kunsill Lokali.

**Fit-8.00p.m.** quddiesa għall-Gradwati u il-professjonijiet kollha li se tkun fil-knisja ta' Santu Wistin Victoria.
Qabel il-quddiesa (għal dawk li jixtiequ) se jkun hemm il-possibilta' tal-qrar.
**IS-SIBT, 5.6.10: Fil-5.00p.m.** Marquita Theuma u Jacob Debrincat se jiċċelebraw is-Sagrament taż-żwieġ tagħhom.
Nifirħulhom u Nawgurawlhom.
**IL-ĦADD, 6.6.10: SOLENNITA' TAL-ĠISEM U D-DEMM TAL-MULEJ (Il-Corpus)**
**FIT-8.00a.m.** Quddiesa u dritt wara toħroġ il-purċissjoni b'Ġesu Sagramentat li tgħaddi mit-Toroq : L-Isqof Cocco Palmeri, Vincenzo Caruana Spiteri, 28 ta' April 1688 u l-Pjazza Santa Margerita.
Nistieden lil kulħadd biex jieħu sehem u biex minn fejn se tgħaddi l-purċissjoni wieħed iżejjen.
**Fiil-11.30a.m.** Dr Margot Ann Bajada u Gordon Schembri se jiċċelebraw is-Sagrament taż-żwieġ tagħhom.
Nifirħulhom u Nawgurawlhom

**Avviż mis-Seminarju**
Bl-iskop li jinġabru fondi b'risq is-Seminarju Minuri se jiġi organizzat *Wine and Pizza* fil-bitħa tas-Seminarju. Tista tieħu sehem il-familja kollha. Din l-attivita' se tkun nhar il-Ħamis 3 ta' Ġunju mis-7.00p.m. 'l quddiem.

**OFFERTI**
Mill-offerti għall-Karita' li nġabru mingħand dawk li rċevew is-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof kien hemm is-somma ta' €163. Grazzi.

**NIRRINGRAZZJA...**
Lil Carmen Muscat u lil Felcia Saliba li qed jgħinu lili u lill-Kappillan tal-Munxar fil-pastorali skolastika fl-iskola tar-raħal tagħna.